# Kwadri tal-Madonna tar-Ružarju

Kitba tas-Sur J.C. Camilleri

Il-patrijiet Dumnikani ħadmu fuq li ħadmu biex id-devozzjoni tal-Madonna tar-Ružarju tinxtered ma' l-erbat irjieħ ta' Malta. Kull parroċċa bdew jwaqqfu konfratellanzi tar-Ružarju. Dawn il-konfratellanzi bdew jikbru u jitolbu lill-awtorità tal-knisja biex ikollhom kappella fil-knejjes parrokkjali. Dawn kienu jiġu mogħtija xi kappella u billi l-konfratellanza kienet tkun kbira u attiva aktarx kienu jispiċċaw b'kappellun minflok kappella.

Kull kappella jew kappellun tar-Ružarju kien ikollu kwadru u statwa tal-Madonna tar-Ružarju. Biex kienu jsiru dawn l-oġġetti artistiċi kienu jqabbdu l-aħjar artisti li kien hawn f'Malta. Insibu li l-aktar artisti li ħadmu f'dawn it-tip ta' kwadri kienu tlieta – Giovanni Maria Abela, Giovanni Nicola Buhagiar u Francesco Zahra. Illum se naraw tmien kwadri tal-Madonna tar-Ružarju.

## Il-Mużew tal-Katidral

Jekk wieħed iħobb l-arti f'Malta ma jistax ma jżurx il-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina. Hawn isib diversi teżori ta' l-arti. Wieħed minn dawn it-teżori hu l-kwadru tal-Madonna tar-Ružarju li darba kien fil-Knisja l-qadima Parrokkjali ta' San Nikola ta' Bari fis-Siġġiewi. Dan il-kwadru għandu stil sempliċi. L-idea f'dawk iż-żminijiet kienet li l-artist għandu joħloq stil sempliċi biex il-bidwi u s-sajjied jifhem mal-ewwel il-messaġġ tal-kwadru.

Mal-Madonna bil-Bambin jidhru wkoll Santa Katarina ta' Lixandra u San Nikola ta' Bari. Hemm ukoll grupp ta' qaddisin. Jidhru wkoll il-misterju tar-Ružarju però l-aħħar misterju tal-glorja, dak li juri l-inkurunazzjoni tal-Madonna huwa nieqes. Skond il-kittieb Malti Dr. Mario Buhagiar, din il-figura tal-Madonna hija ispirata mill-Madonna ta' Ischia. Ix-xena tal-kwadru hija tipikament barranija. Hemm muntanji u widien kif ukoll għelieqi.

## In-Naxxar

Fil-Mużew tal-Knisja Matriċi tan-Naxxar hemm kwadru tal-Madonna tar-Ružarju. Dan il-kwadru hu attribut ukoll lil Giovanni Maria Abela. L-istil ta' dan ix-xogħol hu aktar arkajku minn dak li jinsab fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina. Il-pittura għandha data iżda ma hemmx il-firma ta' l-artist. Naraw il-Madonna bil-Bambin, u l-15-il misterju tar-Ružarju. Il-misterji ġew impittra separatament. Naraw f'dan il-kwadru l-figura tal-Madonna li qed tagħti l-kuruna tar-Ružarju lill-grupp ta' qaddisin. Fuq quddiem nett hemm San Duminku u Santa Katarina ta' Siena. Fuq ras il-Madonna hemm kuruna ta' lewn id-deheb merfugħa minn żewġ anġli. Hemm ukoll żewġ gruppi ta' qaddisin fuq kull naħa tat-tronn marjan.

## Il-Mellieħa

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa għandu kwadru tal-Madonna tar-Ružarju, xogħol tas-seklu 17. Dan ħareġ minn id Stefano Erardi. Dan ix-xogħol għandu kompożizzjoni tajba ta' qatgħa ta' anġli li jinsabu madwar il-figura tal-Madonna bil-Bambin. Dawn l-anġli



għandhom stil barokk tipiku ta' Stefano Erardi. Milli ġdid il-misterji tar-Rużarju ma tpittrux bħala parti mill-kwadru, iżda bħala kwadretti li tpoġġew fil-prospettiva.

## Il-Gudja

Fil-Knisja Arċimartiċi tal-Gudja hemm kappellun tal-Madonna tar-Rużarju. Il-kwadru hu xogħol t'a l-iskola tal-Preti. Il-figura tal-Madonna tinsab fuq is-sħab. Magħha hemm il-figura tal-Bambin. Jidhru wkoll iż-żewġ figuri li wieħed jorbot mad-devozzjonit tar-Rużarju – San Duminku u Santa Katarina ta' Siena. Daw jidhru qed jgħidu r-Rużarju. Warajhom hemm żewġ qaddisin oħra li jinsabu għarkubbtejhom quddiem il-figuri tal-Madonna u tal-Bambin. Dawn huma San Ġorġ u San Girgor il-kbir.

Dan ix-xogħol waqa' f'idejn l-idejn ta' Ġużeppi Hyzler biex jiġi rrestawrat. Dan ix-xogħol fuq l-inkwadru sar fis-sena 1831. Wara saret it-tieni restawrazzjoni, fejn instab li Hyzler kien għamel xi tibdil fil-kwadru. Dan ma kienx xi ħaġa mhux tas-soltu. Hyzler kien żied xi bċejjeċ tad-drapp biex libbes lill-anġli. Dawn l-anġli jinsabu mad-dawra tal-figuri ewlenin tal-kwadru. Hu kien ukoll skura l-karnaġġjon tal-figuri.

## Ħal Safi

Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl f'Ħal Safi, hemm kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol Francesco Zahra. Dan il-kwadru għandu livell għoli ta' teknika. Jidhru dettalji ta' paneġġ u ta' karnaġġjon li juru l-abilità kbira ta' l-artist. Interessanti f'dan il-kwadru huwa l-figura tal-Bambin. Dan jinsab bil-wieqfa ma' ġenb il-Madonna. Warajhom jidher ukoll grupp ta' anġli.

## Il-Belt Valletta

Fil-Knisja ta' San Duminku fil-Belt Valletta hemm altar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Dan jinsab f'wieħed mill-kappelluni. Dan l-altar hu mżejjen bi kwadru ta' stil tan-Nazzareni. Dan kien stil li juri l-interess li reġa' qam fost l-artisti għall-pittura qadima. Kien pass lejn il-klassiċiżmu. Juri wkoll iż-żelu li wera l-pittur Ġużeppi Hyzler għall-pittura bikrija tar-Rinaxximent. Ix-xena tal-kwadru turi xena tat-Toscana, wieħed mir-reġjuni Taljani. Dawn ix-xeni kieu komuni fil-pittura qadima ta' dawk iż-żminijiet. Il-kwadru hu nieqes mid-drammiċità tant popolari fil-pitturi taż-żminijiet ta' qabel dan il-moviment.

Naraw lil San Duminku jħares 'il barra mill-kwadru waqt li b'idu qed jilqa' l-kuruna tar-Rużarju. Fuq in-naħa ta' isfel tal-kwadru naraw tliet anġli li qed iżommu f'idejhom is-simboli tal-misteri tar-Rużarju – tal-Ferħ, tat-Tbatija u tal-Glorja.

## Rabat

Fil-Mużew Wignacourt, il-Mużew Parrokkjali tal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat hemm kwadru tal-Madonna tar-Rużarju. Dan hu xogħol Giovanni Nicola Buhagiar. Dan hu xogħol biċ-ċokon u fih elementi tal-barokk meħudin mill-ideat ta' Mattia Preti u fl-istess ħin fih il-karatteristċi tal-barokk Naplitan. Il-figuri tal-Madonna hija tipika ta' l-arti Maltija. Hija simili ħafna ta' l-arti ta' Giuseppe d'Arena. L-isfond tal-kwadru għandu l-karatteristiċi ta' l-arti barokka tas-seklu 17 u 18. Il-figura ta' San Duminku u Santa Roża ta' Lima huma xi ftit riġidi u jippreżentaw l-arti barokka Naplitana. Ta' min isemmi l-ktieb li jidher miftuħ fil-kwadru. Il-paġni tal-ktieb juru l-id aġitata.

Dan kien l-istil ta' Giovanni Nikola Buhagiar u li ġie żviluppat aktar 'il quddiem minn

Francesco Zahra. B'hekk fil-kwadru hemm taħlita ta' stili differenti. Hemm l-istil il-qadim jitħallat ma' l-istil il-ġdid. Għalija dan hu wieħed mill-aħjar kwadri tal-Madonna tar-Rużarju li hawn Malta, kwadru li għandu importanza kbira fl-istorja ta' l-arti Maltija.

## Ħal Lija

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija, hemm wieħed mill-kappellun tagħha ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju. L-inkwadru hu xogħol Alessio Erardi. Din il-pittura saret fis-sena 1702 u sewa 150 skud. Dawn il-flus tħallsu bil-mod il-mod bejn is-snin 1702 u 1706. Dan hu xogħol ewlieni ta' dan l-artist. Dr. Mario Buhagiar kiteb hekk dwar dan ix-xogħol: "The painting shows Alessio drifting away from the anachronistic idiom of his father (Stefano) in the direction of a more theatrical exuberantly emotional style."

Hawn naraw lill-Madonna qed tagħti l-kuruni tar-Rużarju lil San Duminku u lil Santa Katarina minn Siena. Il-kwadru hu mimli anġli. Hemm anġli li għandhom ġilju u hemm oħrajn li qed jerfgħu xi medalja li qed tippreżenta misterju tar-Rużarju.

**Referenzi:**

Vincent Galea, "Rokna għaż-Żgħażagħ – Kwadri antiki tal-Madonna tar-Rużarju f'Malta" Il-knisja tiegħi – Nru 89 Ottubru-Novembru 2000

Mario Buhagiar, "The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Painting" World Confederation of Salesian Past Pupils of Don Bosco Lions Club (Malta) 1987

Mario Buhagiar (ed) "Marian Art during the 17th and the 18th centuries" Malta 1983

PRIVAT

Tfal tal-Primarja

Tfal li ser jagħmlu l-eżami għad-dħul għall-Junior Lyceum u Skejjel tal-Knisja u Matematika għall-Matsec

100, Dar Rihana, St. Mary Street - Tarxien

Tel: 892528, 436090